MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2006

Avviz Numru. 337/1996/1

**Mario Camenzuli**

**Vs**

**Air Malta Company Ltd**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex is-socjeta konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li tiddiminixxi il-prezz ta’ mija u tnejn u tletin (Lm132), imhallsa mill-attur lis-socjeta konvenuta ghall-akkomodazzjoni f’lukanda fl-Ingilterrra, stante li din ma kienitx tal-kwalita pattwita u li tirristitwixxi lill-attur il-prezz kif jigi diminwit. Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta konvenuta (fol 2 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

Illi fl-ewwel lok l-attur irid jiccara x'qed jintendi bl-azzjoni minnu ntavolata u cioe' jekk hijiex l-azzjoni "quanti minoris" ossija diminuzjoni fil-prezz jew l-azjoni ghad-danni ai termini tal-Artikolu 1390 Kapitolu 16;

Illi l-eccipjenti nomine ottempra ruhu mat-termini tal-brochure dwar il-flyaway tours u di pju' qatt ma assuma l-oneru li jaghmel tajjeb ghan-nuqqasijiet tal-lukandier;

F'kull kaz it-talba attrici hi infondata fil-fatt u fid-dritt;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 9 kif ukoll in-noti rispettivi tal-partijiet a fol 55 u 56 ibid.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-fatti in esami huma kif ser jinghad:-

a) <u>l-attur</u> (fol 11 u fol 47 ibid) xehed illi kien xtara tlett biljetti tal-ajru bil-prezz komplessiv ta' Lm882 fl-iskema gestita mis-socjeta konvenuta u maghrufa bhala "Fly Away Tours". Fl-istess prezz kien hemm inkluz ukoll, l-allokazzjoni ta' kamra ghal tlett adulti f'lukanda. Pero meta wasal fil-lukanda hu u t-tnejn l-ohra kienu nghataw kamra b'zewg sodod biss u sussegwentement meta hu kien gibed l-attenzjoni tal-istess lukanda dwar din il-problema kienet tpoggiet sodda ohra deskritta minnu bhala "… ta' tip elementari … (li) tinfetah fi tnejn …… (u) setghet biss toqghod fil-kuritur li hemm quddiem il-kamra". Meta reggha lmenta dwar dan, hu kien gie infurmat li "… ghal dak il-lejl ma setghu jaghmlu xejn aktar" u b'hekk "… kelli norqod mal-art" in vista li "….. nbaghti minn dari u ma stajtx norqod fuq dik it-tip ta' sodda u liema sitwazzjoni baqghet hekk ghal sebat ijiem. Sussegwentement kienet saret offerta lill-attur illi "…. Jtuni kamra ohra pero …. Jekk jiena nhallas aktar £14.55 Inglizi kull lejl' liema offerta ma gietx accettata. Fl-ahharnett, jidher illi l-attur u l-ohrajn kienu gew trasferiti f'kamra bi tlett sodod izda f'lukanda ohra fil-vicin u dan ghal … l-ahhar tlett ijiem" u minghajr ma hallast xejn". In kontroesami hu spjega illi l-lukanda in

kwistjoni kienet giet maghzula minn wara li kien ra “brochure’ fejn jidher li l-kamra kienet deskritta bhala “…. Kamra ta’ tnejn” “with extra bed”, u peress illi kien di gja alloggja fl-istess lukanda minghajr ma kellu raguni biex jilmenta (ara r-ritratti esebiti minnu a fol 15 ibid u li fuqhom hi murija s-sodda in kwistjoni kif ukoll il-kopja ta’ ‘faxes’ a fol 23 u fol 26 ibid dawk ta’ ittri dwar dak li qed jilmenta l-attur a fol 24 u 25 ibid). L-attur esebixxa diversi dokumenti fosthom dawk li ghadhom kemm issemmew kif ukoll kopja ta’ fax a fol 27 ibid u li bih jinghad, f’isem is-socjeta barranija hemm indikata, illi l-attur, li lilu kien intbaghat dan il-‘fax’ tramite l-lukanda involuta kien irrifjuta offera li jigi trasferit f’kamra (’triple room’) f’lukanda ohra u dan wara li kienet saritlu offerta ohra ta’ ‘a twin and a single room next door ..” fil-lukanda originali, u wara li sar arrangament sabiex is-sodda li kienet mkissra, tinbidel oltre dik esebita a fol 32 minn fejn jidher illi s-socjeta konvenuta skuzat ruhha ghal kull inkonvenjent li seta bata’ l-istess attur.

b) Robert Pace (fol 39 et seq ibid) f’isem is-socjeta konvenuta “qua’ ‘manager’ ta’ din ikkonferma illi l-attur kien ghamel ‘booking’ ghal ‘triple room’ b’tlett adulti. Dwar dan, ix-xhud esebixxa l-‘brochure’ relattiv in fotokopja (fol 45 ibid) minn fejn jidher illi “triple rooms consist of a twin room with an extra bid”. Dwar dan il-punt meta xehed dan ix-xhud, hu verbalment ikkwalifika din id-definizzjoni bhala “… kif ukoll an extra mini bed” ohra kkonferma ukoll illi l-attur kien ilmenta dwar din is-sodda fis-sens li kienet zghira wisq u ghalhekk skond dejjem l-istess xhud, kienu saru lill-attur zewg offerti alternattivi ossija ‘double room’ ma ‘single room’ bi prezz specjali ta’ £14 (Sterlina) kull jum jew akkomodazzjoni f’lukanda ohra, f’triple room minghajr ebda hlas “extra’. Pero, skond ix-xhud, jidher li l-attur kien irrifjuta din l-offerta alternattiva.

Ikkunsidrat

Illi kif verbalizzat mill-istess attur a fol 9 ibid hu ibbaza din l-azzjoni fuq l-artikolu 1390 tal-Kodici Civili fejn jinghad “Jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkunsinna ma’ tkunx tal-kwalita’ pattwita gew ma tkunx bhal kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista’ jaghzel jew li jirrifjuta l-haga

u jitlob d-danni jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' periti.

Illi b'referenza ghall-fatti in esami abbinat mal-artikoli kif ghadu kemm gie citat, is-socjeta konvenuta ssostni illi, fil-kaz in esami "… ma ghandha l-ebda kompravendita ta' haga jew oggett minhabba li "… sitratta ta' servizz offrut u mhux bejgh ta' haga". Dwar dan l-argument, din il-Qorti ma tistax taqbel mieghu peress li effettivament l-attur, permezz tal-iskema hawn fuq imsemmija, kien xtara l-biljetti tal-ajru msemmija kif ukoll perijodu specifikat ta' akkomodazzjoni f'lukanda, li kien inkuz fl-istess skema jew pakkett, bi prezz wiehed skond kif miftiehem. Dan il-fatt, fil-fehma ta' din il-Qorti ghandu jinkwadra ruhu taht l-artikolu in ezami kif hawn fuq citat, b'referenza ghal kelma "haga" (ara l-artikoli 312 u 317 tal-Kodici Civili.

Illi s-socjeta konvenuta tikkontendi ukoll illi hemm, f'dan ir-rigward, relazzjoni diretta bejn l-attur u l-lukanda involuta. Anke' hawnhekk dan l-argument ma' jreggiex fil-kaz, in desamina. Difatti mill-provi jidher li l-attur ilmenta l-biljetti in kwistjoni taht l-iskema msemmija, minghand is-socjeta konvenuta hawn Malta tramite terzi u b'mod evidenti s-socjeta konvenuta ghandha tigi konsiderata bhala l-legittimu kontradittur.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, dan premess, mill-istess fatti jidher car u gie pruvat illi s-socjeta konvenuta kienet inadempjenti fl-esekuzzjoni tal-istess obbligazzjoni asunta minnha. Fil-fehma tal-Qorti, ghandha ssir referenza b'mod specjali ghal dak li xehed l-istess Robert Pace in rigward il-"brochure" esebit in atti. Difatti skond dan id-dokument (fol 45 ibid) l-attur kellu d-dritt ta' "an extra bed" u mhux ta' "an extra mini bed" minghajr il-htiega ta' xi kumment iehor ulterjuri. Ta' min jghid ukoll illi l-istess socjeta konvenuta kienet skuzat ruhha ghal kull inkonvenjent li sofra l-attur kif risultanti mid-dokument a fol 35 gja citat.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi dwar l-ammont pretiz fl-avviz, ma saret ebda kontestazzjoni dwar il-‘quantum’ u ghalhekk ser jigi akkolt kif specifikat fih.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti mill-istess avviz u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta’ Lm132 bl-imghax legali mid-19 ta’ April 1996 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------